SKOLA THERESA NUZZO

# EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA 2019 -2020

**Il-Ħames Sena**

**MALTI – IL-FEHEM MIS-SMIGĦ** **Ħin: 30 minuta**

**Isem:** ______________________________________________

**Klassi:** ______________________________

**Numru tar-Reġistru:** _____

| Marka Totali |
| --- |
| ______ |
| 20 |

**L-Ewwel Silta** **(10 marki)**

**Taħriġ A**

**Aqta' linja taħt it-tweġiba t-tajba.** L-ewwel waħda hija lesta.

1. Mandy kienet se tarmi ż-żarbun għax kien (mibrux u mgħarraq, ta' oħtha, jiġiha kbir).
2. Iż-żarbun kienet tathulha (n-nanna, ommha, z-zija tagħha) bħala rigal speċjali.
3. Mandy żanżnet dan iż-żarbun (fil-festa tar-raħal, fil-Milied, fil-festin t'għeluq sninha).
4. Iż-żarbun xtaq li Mandy tieħdu għand l-iskarpan biex (jissewwa, jinbiegħ, jintrema).
5. Omm Mandy kienet taħseb li xi drabi meta tirranġa żarbun jiġik (irħas minn, ogħla minn, l-istess prezz daqs) żarbun ġdid.

**Taħriġ B** **Imla l-vojt bi kliew jew frażi li toqgħod l-aħjar biex tkompli dawn is-sentenzi.** L-ewwel waħda hija lesta.

1. Dan id-djalogu huwa bejn tifla jisimha Mandy u żarbun qadim tagħha.
2. Mandy iddeċidiet li tieħu ż-żarbun għand Fredu l-iskarpan ___________ u wara tkun tista' tibagħtu lit-tfal li tilfu ______________ minħabba t-terremot.
3. Iż-żarbun ta' Mandy ħa aktar gost li se jmur pajjiż ieħor iferraħ ___________ milli jispiċċa mormi u mqatta' biċċiet min xi _________________.
4. Xorta kien qed iħossu ftit imdejjaq għax kien se jinfired minn _____________ tal-armarju.

5. Il-papà kellu żarbun iswed li qatt __________________ u Mandy riedet tħajru biex jibagħtu ma' tagħha.

**It-Tieni Silta** **(10 marki)**

**Taħriġ A**

**Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel ✓ fil-kaxxa.** L-ewwel waħda hija lesta.

1. Frans ried lil missieru jixtrilu

☑ maskra tal-karnival.

☐ libsa tal-karnival.

☐ kappell tal-karnival

2. Missier Frans jiftaħar li l-Karnival ta' qabel kien

☐ l-istess minn dak tal-lum.

☐ inqas popolari minn dak tal-lum .

☐ aktar popolari minn dak tal-lum.

3. Fl-antik, fil-jiem tal-Karnival filgħaxijiet kienu joħorġu

☐ t-tfal idoqqu t-tnabar u l-landi.

☐ rġiel imgeżwrin fil-lożor bojod.

☐ maskarati jaqbżu mal-banda.

4. Il-parata kienet tifkira ta' meta l-Maltin iddenfendew lil Malta minn idejn

☐ it-Torok.

☐ il-Franċiżi.

☐ it-Taljani.

5. L-aktar li kienu jħobbu n-nies fil-Karnival ta' dari kienet

☐ il-parata.

☐ il-kukkanja.

☐ l-isfilata tal-karrijiet.

6. L-ikbar premju tal-Kukkanja kien jieħdu min jitla'

☐ sar rota li kien ikun hemm fuq l-arblu.

☐ sal-ballun miksi biċ-ċraret li kien ikun hemm fuq l-arblu.

☐ sal-istatwa bil-bandiera li kien ikun hemm fuq l-arblu.

**Taħriġ B** **(5 marki)**

**Għaqqad Kolonna A ma' Kolonna B billi tkompli n-numri 2 sa 5 fil-kaxxi l-vojta skont dak li qrajt fis-silta. L-ewwel waħda hija lesta**

| Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|
| 1. Il-Karnival kien xalata | | Kien t-tfal li joħorġu idoqqu. |
| 2. L-iktar li kienu jifirħu fil-Karnival | | l-Assedju l-Kbir tal-1565. |
| 3. Il-parata kienet tfakkar | 1. | ta' żfin għall-maskarati. |
| 4. Fl-aħħar ir-rebbieħa kienu jerfgħu | | Logħba li bdiet issir f'Malta fl-1721. |
| 5. Il-Kukkanja kienet | | fuq l-idejn l-għarusa tal-parata. |

SKOLA THERESA NUZZO

# EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA 2019 -2020

Il-Ħames Sena

**MALTI – IL-FEHEM MILL-QARI** **Ħin: 50 minuta**

Isem: ______________________________________________

Klassi: ______________________________

Numru tar-Reġistru: _____

| Marka Totali |
| --- |
| ______ |
| 30 |

**Xi Ftit Ċajt**



Waħda mara ħadet lit-tifel għand it-tabib.
"Dan it-tifel tgħidx kemm qed jinkwetani! Naħseb li hu marid!"
"Għaliex qiegħda taħseb hekk?" staqsieha t-tabib.
"Għax meta jpinġi, dejjem juża l-isfar. Kollox isfar jagħmel! Is-siġar, in-nies, id-djar ...... kull ma jpinġi!"
It-tabib **li ma setgħetx tinżillu**, ħares lejn it-tifel u staqsieh:
"Għaliex tpinġi kollox isfar?"
U t-tifel wieġbu:
"Għax il-kuluri l-oħra spiċċawli u isfar biss fadalli!"

---

Darba waħda l-kappillan mar jagħmel żjara lill-iskola tar-raħal. Kien għadu kif laħaq kappillan ta' dik il-parroċċa u xtaq jiltaqa' mat-tfal tar-raħal. Daħal fil-klassi u beda jkellem lit-tfal dwar il-Ġenna. Qalilhom kemm hi sabiħa l-Ġenna u kemm ikun ferħan min imur hemm. Fl-aħħar staqsiehom:



"Ħa nara ..... kemm hawn minnkom li jridu jmorru l-Ġenna?"
Kulħadd għolla sebgħu minbarra wieħed. Il-kappillan staqsieh:
"Int għaliex ma tridx tmur il-Ġenna?"
U t-tifel li **kien qisu sifja** wieġbu:
"Għax missieri qalli biex wara l-iskola nibqa' sejjer dritt id-dar għax illum sejrin naraw lin-nanna! U jien inħobb immur għand in-nanna!"

(*marka kull waħda = 10 marki)*

| A. Immarka ✓ hux Veru (V), Falz (F) jew Ma Ssemmietx (MS). | | V | F | MS |
|---|---|---|---|---|
| 1. | It-tabib kien qiegħed jinkwieta fuq it-tifel. | | | |
| 2. | Il-kuluri kollha spiċċaw u t-tifel kien baqagħlu l-isfar biss. | | | |
| 3. | L-omm daħlet fil-kamra inkiss inkiss. | | | |
| 4. | L-omm ħadet il-kulur l-isfar għand it-tabib. | | | |

| B. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel ✓ fil-kaxxa tal-lemin | | | |
|---|---|---|---|
| 5. | Il-mara bdiet tinkwieta fuq it-tifel tagħha | għax ħasbet kien marid. | |
| | | għax ma kienx qed jara. | |
| | | għax ma kienx jaf ipinġi. | |
| | | għax kien ipinġi aħmar. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 6. | It-tifel pinġa kollox | bl-aħmar. | |
| | | bl-isfar. | |
| | | bil-kannella. | |
| | | bil-blu. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 7. | Il-kappillan mar jagħmel żjara | fil-ġenna | |
| | | fil-parroċċa tar-raħal. | |
| | | fl-iskola tar-raħal. | |
| | | fid-dar tan-nanna. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 8. | Il-kappillan qalilhom kemm hi sabiħa | l-iskola. | |
| | | il-Ġenna. | |
| | | il-parroċċa. | |
| | | id-dar tan-nanna. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Ċ. Immarka t-tifsira t-tajba tal-espressjoni billi tagħmel ✓ fil-kaxxa tal-lemin** | | | |
| 9. | It-tabib **li ma setgħetx tinżillu** | ma sema' xejn | |
| | | ma fehem xejn | |
| | | isibha bi tqila biex jemmen | |
| | | bla mistenni | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 10. | U t-tifel li **kien qisu sifja** | kien artab | |
| | | kien irqiq ħafna | |
| | | kien kwiet | |
| | | kien oħxon ħafna | |

## It-Tieni Taqsima (20 marka)

**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet.**

# Il- Karru Penz

### L-Ewwel Parti

Kien hemm darba karru jismu Penz li ta' kull sena sidu kien idaħħlu għall-isfilata tal-karrijiet. Iżda qatt ma rnexxielu jirbaħ. Il-karru kien tassew jiddispjaċih u hu kien saħansitra jgħir għal sħabu l-oħra l-karrijiet għax kien iħossu goff u kbir wisq u qisu mejjet għax ma kellux ħafna kuluri. Barra minn hekk la kien imżejjen sabiħ, la kellu xi makkinarju biex iħaddem il-pupi ta' fuqu, la kellu mużika, la ...... insomma kien tassew fqir ħdejn il-karrijiet sħabu. **(Paragrafu 1)**

Sidu kien raġel xwejjaħ, miskin u ma kienx jiflaħ jitħabat ħafna, allura min sena għal sena kien iduru ftit u ma kien iżidlu xejn ġdid. Filwaqt li l-oħrajn, min kienu jinbidlulu l-kuluri jgħajtu, min jinbidlulu xi pupi tal-kartapesta, min id-disinji tal-ġnub u bosta affarijiet oħra. Il-karru Penz minħabba li kien jgħir kien jinqata' għalih waħdu u mhux l-ewwel darba li ħadd ma ried ikellmu.

"Dak stramb," kienu jgħidu xi wħud.

"U ikrah," kienu jidħqu bih xi oħrajn. **(Paragrafu 2)**

*A.* **Wieġeb il-mistoqsijiet skont is-silta.** *(marka kull waħda = 8 marki)*

1. Immarka t-tweġiba t-tajba:
   a) Il-karru Penz kien goff u mejjet.
   b) Il-karru Penz kien kbir u sabiħ.
   c) Il-karru Penz kien imżejjen b'ħafna kuluri.

2. a) Is-sid tal-karru kien raġel xiħ.
   b) Is-sid tal-karru kien raġel b'saħħtu.
   ċ) Is-sid tal-karru kien raġel imdejjaq u fqir.

3. Għaliex il-karru kien qed jgħir għal sħabu?

   ______________________________________________

4. X'kien jagħmel kull sena sid il-karru?

   ______________________________________________

5. Il-verb **iħaddem** huwa trilitteru jew kwadrilitteru.

   ______________________________________________

6. Minn **Paragrafu 1** fittex u ikteb **il-frażi** li tfisser li l-karru kien mimli b'kollox.

   ______________________________________________

7. Fittex minn **Paragrafu 2** nom fil-**plural sħiħ**. ____________________

8. Sib mis-silta aġġettiv u iktbu fis-superlattiv assolut. ________________

**Kompli aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

**It-Tieni Parti**

Darba waħda sidu sabu jibki u bi dwejjaq kbar fuqu u meta staqsieh x'kellu, Penz wieġbu, "M'intix qed tara, ħares madwarek, ħares lejn il-karrijiet l-oħra kemm huma sbieħ! Ara, agħti daqqa t'għajn lejn dak, kollu mżejjen bi fjuri ta' kull lewn u mimli b'oġġetti ta' kull għamla u sura. U ma rridx ninsa l-espressjoni vivaċi ta' wiċċu. U jien, jien x'għandi minn dan? Xejn. Espressjoni ta' dwejjaq u kuluri mejtin. Inħossni tassew inferjuri ħdejhom. Mank li kont ftit aktar imżejjen jaħasra!" Sidu kkonfonda b'dan il-kliem iżda fl-istess ħin ipprova jferrħu billi qallu li hu kien kbir u b'saħħtu – ħaġa li l-karrijiet l-oħra ma kellhomx. **(Paragrafu 3)**

Mela sena minnhom lejlet l-isfilata qam maltemp kbir. Malta kienet sħaba waħda, il-beraq u r-ragħad werwru 'l kulħadd u x-xita ma waqfitx. Ir-riħ beda jżid ftit ftit sakemm f'ħin minnhom kien tant ifferoċjat li ried jaqla' kull m'hemm. Kemm beżgħu l-karrijiet. Kontra dak ir-riħ imsieken ma setgħu jagħmlu xejn. Il-karru Penz rahom kollha mbeżżgħa u peress li hu kien l-iktar wieħed goff u kbir u robust iddeċieda li jmur ħdejhom u jilqalgħhom ir-riħ. U hekk għamel! **(Paragrafu 4)**

Bis-saħħa tiegħu l-karrijiet ma tkissrux u l-għada kulħadd feraħ bih u rringrazzjah tal-ġest erojku li kien għamel. Il-karru Penz fehem li hu kellu tassew kwalità sabiħa. Kien b'saħħtu u kien jiflaħ għal kollox. Penz fehem ukoll li mhux sew tgħir għal sħabek għax wara kollox min għandu ħaġa u min għandu oħra. Min hu sabiħ u min hu b'saħħtu. **(Paragrafu 5)**

**B. Wieġeb il-mistoqsijiet skont is-silta li qrajt.** *(marka kull waħda = 8 marki)*

9. Immarka ✓ jekk hux Veru jew Falz.
Il-karru Penz kien iħossu imdejjaq u nieqes mill-kuluri.
Veru ☐ Falz ☐

10. Aqta' linja taħt it-tajba :
Il-karru Penz beka għax kien imdejjaq ħafna u ħassu inferjuri ( minn sidu, mill-karrijiet, mill-isfilati ).

11. Għaliex kienu mbeżżgħa l-karrijiet f'lejlet l-isfilata?

______________________________________________

12. Semmi mod kif il-karru Penz ħa ħsieb il-karrijiet l-oħra.

______________________________________________

13. Il-karru għaddielu ħsieb sabiħ dwaru nnifsu. X'kien dan il-ħsieb?

______________________________________________

14. Minn **paragrafu 4** fittex u ikteb **aġġettiv u iktbu fis-Superlattiv**

______________________________________________

15. Aqleb il-verb ta' il-frażi **fin-negattiv.**
**kien jiflaħ għal kollox** ______________________________

16. Sib mill-**paragrafu 5** kelma bl-**artiklu qamri** ____________________

*(2 marki kull waħda =4marki)*

**Ċ. Wieġeb il-mistoqsijiet fi kliemek fuq is-silta kollha.**

17. L-awtur spiċċa s-silta bis-sentenza **"Min hu sabiħ u min hu b'saħħtu."**

    X'taħseb li ried ifisser biha?

    ______________________________________________

    ______________________________________________

    ______________________________________________

    ______________________________________________

18 Il-karru Penz fehem li kellu kwalità sabiħa. Inti għandek xi kwalità sabiħa bħal karru Penz? X'ini?

    ______________________________________________

    ______________________________________________

    ______________________________________________

    ______________________________________________

TMIEM IL-KARTA

SKOLA THERESA NUZZO

# EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA 2019 -2020

**Il-Ħames Sena**

**MALTI – IL-KITBA** **Ħin: 60 minuta**

**Isem:** ______________________________________________

**Klassi:** ______________________________

**Numru tar-Reġistru:** _____

| | |
|---|---|
| Kitba Qasira (10 marki) | |
| Kitba Itwal (20 marka) | |
| Marka Totali (30 marka) | |

## KITBA TA' MESSAĠĠ (10 marki)

Int jismek Mario/Marija Borg. Ikteb **messaġġ ta' ringrazzjament ta' bejn 50 u 60 kelma lil Steve li jieħu ħsieb l-indafa tal-iskola tiegħek.**

*Punti li jistgħu jgħinuk:*

*Ftakar li jismek Mario/Marija Borg. Introduċi ruħek. Ikteb għaliex tixtieq tirringrazzja lil Keith.*

**Uża dan l-ispazju biex tikteb xi ideat sabiex tippjana l-messaġġ tiegħek.**

(dan il-pjan m'għandux marki)

Ikteb il-**MESSAĠĠ** hawn taħt:

*Għażiż/a*__________________,

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

## KITBA TA' STORJA (20 marka)

**Agħżel wieħed minn dawn it-titli :**

Ikteb bejn 150 u 200 kelma u tinsiex tqassam f'paragrafi.

### 1. Ħarġa ma' tal-Iskola

Punti li jistgħu jgħinuk:

Meta mortu?
Fejn mortu?
X'ġara dak in-nhar?
X'kien hemm interessanti?
Jekk ikollkom ċans terġgħu tmorru?

### 2. Fil-kantina tad-dar tan-nanna.

Punti li jistgħu jgħinuk:

Meta nżiltu?
Kellkom permess mingħand xi ħadd?
Kif ftaħtu l-bieb?
X'sibtu interessanti?
X'għamiltu bl-affarijiet li sibtu?
Lil min urejtuhom?
Jekk ikollkom ċans terġgħu tinzlu?

Uża dan l-ispazju biex tikteb xi ideat sabiex tippjana l-istorja tiegħek.

(2 marki)

Numru : ____________ (18 -il marka)

-------------TMIEM IL-KARTA----------------

| | | |
|---|---|---|
| Ideat | 5 | |
| Sintassi | 4 | |
| Ortografija | 5 | |
| Punteġġjatura | 4 | |
| **Total** | | |